MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2006

Numru 38/2006

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
John Grima, iben John Mary,
imwieled Pieta' fl-1 ta' mejju,
1974

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-22 ta' ottubru, 2005 ġewwa Triq Mannarino u Triq Dun Filippo Borg, Birkirkara u f'inħawi oħra f'dawn il-Gżejjer –

1. volontarjament ħassar, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni MLC 077, għad-dannu ta' Maria Hamer liema ħsara ma teċċediex il-ħames mitt lira maltin imma iżjed minn ħamsin lira maltin;
2. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat;

3. ħebb kontra l-persuna ta’ Maria Hamer sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta tal-persuna ta’ Maria Hamer u torbot lill-imputat John Grima b’dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ marzu, 2006 fejn il-Qorti ġiet infurmata li Maria Hamer sofriet danni ta’ Lm60.49 u li l-imputat obbliga ruħu li jħallas dawn id-danni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ marzu, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 325(b), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ mitt lira maltin (Lm100). Inoltre, rat l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li ma jkellimx jew jimmolesta lil Maria Hamer għal żmien sena taħt penali ta’ mitt lira maltin(Lm100).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------